**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Dorianne Tabone]**

**vs**

**Sandro Muscat**

**Kumpilazzjoni Numru: 180/24**

**Illum, tletin (30) ta' April, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Sandro Muscat detentur tal-karta tal-identità numru 3773M akkuzat talli nhar l-24 ta' Frar 2024 u x-xhur u s-snin ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer;

1. Ghamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifisu jew għal ħaddieħor, jew weta dak il-materjal indeċenti li jinvolvi jew juri persuni ta' taht l-eta.
   Art 208A ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkustanzi akkwista, xjentament akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-eta'.
   Art 208A (1B) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli indikati 208A, 208A (1B) u 533 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu u dan wara li l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u kkonferma li l-Qorti tatu żmien biżżejjed sabiex jikkontempla d-dikjarazzjoni tiegħu u li fehem l-imputazzjonijiet kollha u l-pieni li jġibu tali imputazzjonijiet.

Stante ammissjoni bikrija, il-Qorti qed issib lill-imputat Sandro Muscat ħati tal-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u stante li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva tal-ewwel (1) akkuża bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannah ghal tnax (12)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2) filwaqt li tordna l-Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D ghal zmien sena (1) u liema Ordni ghandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tiġix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**